# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/49/KE

## tas-26 ta' Lulju 2007

## li temenda d-Direttiva 2003/91/KE li tistipola l-miżuri ta' implimentazzjoni għall-għanijiet ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' ħaxix

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' żrieragħ tal-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) (a) u (b) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/91/KE ([2]) ġiet adottata sabiex tiżgura li l-varjetajiet li l-Istati Membri jinkludu fil-katalgi nazzjonali tagħhom jikkonformaw mal-linji ta' gwida stabbiliti mill-Uffiċċju Komunitarju dwar il-Varjetajiet tal-Pjanti (Community Plant Variety Office - CPVO) fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami tal-varjetajiet, sa fejn kienu ġew stabbiliti linji ta' gwida bħal dawn. Għal varjetajiet oħra, id-Direttiva tipprevedi li għandhom japplikaw il-linji ta' gwida ta' l-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (International Union for Protection of new Varieties of Plants - UPOV).

(2) Is-CPVO u l-UPOV sadanittant ħarġu linji ulterjuri ta' gwida għal numru ta' speċi oħra, jew aġġornaw dawk eżistenti.

(3) Id-Direttiva 2003/91/KE għandha għalhekk tkun emendata skond dan.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II tad-Direttiva 2003/91/KE huma mibdula bit-test fl-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Għall-eżamijiet mibdija qabel l-1 ta' Novembru 2007, l-Istati Membri jistgħu japplikaw id-Direttiva 2003/91/KE fil-verżjoni li tapplika qabel l-emenda tagħha minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jaddottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Novembru 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha *fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Lulju 2007

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/124/KE (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 12).

([2]) ĠU L 254, 8.10.2003, p. 11. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2006/127/KE (ĠU L 343, 8.12.2006, p 82).

*ANNESS*

*“ANNESS I*

**Lista ta’ speċi msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li għandhom jikkonformaw mal-protokolli tat-test tas-CPVO**

| Isem Xjentifiku | Isem komuni | Il-protokoll tas-CPVO |
|---|---|---|
| *Allium cepa* L. (il-grupp Cepa) | Onion u Echalion | TP 46/1 ta’ l-14.6.2005 |
| *Allium cepa* L. (il-grupp Aggregatum) | Allium ascalonicum (shallot) | TP 46/1 ta’ l-14.6.2005 |
| *Allium porrum* L. | Kurrat | TP 85/1 tal-15.11.2001 |
| *Allium sativum* L. | Tewm | TP 162/1 tal-25.3.2004 |
| *Asparagus officinalis* L. | Asparagu | TP 130/1 tas-27.3.2002 |
| *Brassica oleracea* L. | Pastard | TP 45/1 tal-15.11.2001 |
| *Brassica oleracea* L. | Brokkli li qed inibbet jew Kalabris | TP 151/2 tal-21.3.2007 |
| *Brassica oleracea* L. | Brussels sprouts | TP 54/2 ta’1.12.2005 |
| *Brassica oleracea* L. | Ġidra | TP 65/1 tal-25.3.2004 |
| *Brassica oleracea* L. | Kaboċċa mfelfla (Savoy), Kaboċċa bajda u Kaboċċa ħamra | TP 48/2 ta’ l-1.12.2005 |
| *Capsicum annuum* L. | Bżar aħmar jew Bżar | TP 76/2 tal-21.3.2007 |
| *Cichorium endivia* L. | Indivja tal-werqa mibruma | TP 118/2 ta’ l-1.12.2005 |
| *Cichorium intybus* L. | Ċikwejra industrijali | TP 172/2 ta’ l-1.12.2005 |
| *Cichorium intybus* L. | Ċikwejra witloof | TP 173/1 tal-25.3.2004 |
| *Citrullus lanatus* (Thunb.) Matsum. Et Nakai | Dulliegħ | TP 142/1 tal-21.3.2007 |
| *Cucumis melo* L. | Bettieħ | TP 104/2 tal-21.3.2007 |
| *Cucumis sativus* L. | Ħjara u Ħjara żgħira għall-immarinat | TP 61/1 tas-27.3.2002 |
| *Cucurbita pepo* L. | Qara’ bagħli jew Zukkini | TP 119/1 tal-25.3.2004 |
| *Cynara cardunculus* L. | Qaqoċċ | TP 184/1 tal-25.3.2004 |
| *Daucus carota* L. | Karrotti u Karrotti għall-għalf | TP 49/2 ta’ l-1.12.2005 |
| *Foeniculum vulgare* Mill. | Bużbież | TP 183/1 tal-25.3.2004 |
| *Lactuca sativa* L. | Ħass | TP 13/3 tal-21.3.2007 |
| *Lycopersicon esculentum* Mill. | Tadam | TP 44/3 tal-21.3.2007 |
| *Petroselinum crispum*(Mill.) Nyman ex A. W. Hill | Tursin | TP 136/1 tal-21.3.2007 |
| *Phaseolus coccineus* L. | Fażola ta’ Spanja | TP 9/1 tal-21.3.2007 |
| *Phaseolus vulgaris* L. | Fażola żgħira u Fażola tixxeblek | TP 12/2 ta’ l-1.12.2005 |

| Isem Xjentifiku | Isem komuni | Il-protokoll tas-CPVO |
|---|---|---|
| *Pisum sativum*(partim) | Piżella mkemmxa, Piżella tonda u Piżella ħelwa (sugar pea) | TP 7/1 tas-6.11.2003 |
| *Raphanus sativus* L. | Ravanell | TP 64/1 tas-27.3.2002 |
| *Spinacia oleracea* L. | Spinaċi | TP 55/1 tas-27.3.2002 |
| *Valerianella locusta* (L.) Laterr. | Valerjanella | TP 75/2 tal-21.3.2007 |
| *Vicia faba* L. (partim) | Ful kbir | TP Broadbean/1 tal-25.3.2004 |
| *Zea mays* L. (partim) | Sweet corn u Pop corn | TP 2/2 tal-15.11.2001 |

It-test ta' dawn il-protokolli jista' jinstab fuq il-websajt tas-CPVO (www.cpvo.europa.eu).

*ANNESS II*

**Lista ta' speċi msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li għandhom jikkonformaw mal-protokolli tat-test tal-UPOV**

| Isem Xjentifiku | Isem komuni | Il-linja ta' gwida tal-UPOV |
|---|---|---|
| *Allium fistulosum* L. | Il-basal ta' l-għenieqed Ġappuniż jew il-basla ta' Wales | TG/161/3 ta' l-1.4.1998 |
| *Allium schoenoprasum* L. | Il-kurrat salvaġġ | TG/198/1 tad-9.4.2003 |
| *Apium graveolens* L. | Karfus | TG/82/4 tas-17.4.2002 |
| *Apium graveolens* L. | Krafes | TG/74/4 corr. tas-17.4.2002 + 5.4.2006 |
| *Beta vulgaris* L. | Spinach beet jew Chard | TG/106/4 tal-31.3.2004 |
| *Beta vulgaris* L. | Pitravi inkluż il-pitrava Cheltenham | TG/60/6 tat-18.10.1996 |
| *Brassica oleracea* L. | Kaboċċa mberfla | TG/90/6 tal-31.3.2004 |
| *Brassica rapa* L. | Kaboċċa taċ-Ċina | TG/105/4 tad-9.4.2003 |
| *Brassica rapa* L. | Turnip (xorta ta' Brassica) | TG/37/10 ta' l-4.4.2001 |
| *Cichorium intybus* L. | Ċikwejra b'weraq kbir jew ċikwejra Taljana | TG/154/3 tat-18.10.1996 |
| *Cucurbita maxima* Duchesne | Qargħa | TG/155/4 ta' l-14.3.2007 |
| *Raphanus sativus* L. | Salsafja sewda | TG/63/6 ta' l-24.3.1999 |
| *Rheum rhabarbarum* L. | Ir-Rabarbru | TG/62/6 ta' l-24.3.1999 |
| *Scorzonera hispanica* L. | Scorzonera jew salsafja sewda; | TG/116/3 tal-21.10.1988 |
| *Solanum melongena* L. | Brunġiel | TG/117/4 tas-17.4.2002 |

It-test ta' dawn il-linji ta' gwida jista' jinsab fil-websajt tal-UPOV (www.upov.int)."